**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' April, 2016

Rikors Guramentat numru : 231/12 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar it-8 ta' April 1973 (Dok. A) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal li llum huma lkoll maggorenni;

2. Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi kommessi kontriha mill-intimat, u minhabba li tkissret irrevokabilment kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

3. Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet, talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza wara li tterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni skond il-Ligi (Dok. B);

4. Illi l-esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex issehh ir-rikonciljazzjoni u meta r-rikonciljazzjoni ma saritx hija ippruvat tasal ghal separazzjoni personali konsenswali, izda l-intimat ma kkooperax u issa hu cert li ma hemmx lok ta' rikonciljazzjoni u ghalhekk qed issir din il-kawza.

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi li l-intimat ikkommetta kontra martu l-esponenti, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;
2. Minflok tillikwida retta alimentarja perjodika ghall-Esponenti in toto jew in parte, tillikwida somma kapitali u/jew tassenja proprjeta' immobiljari lill-esponenti bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 54 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. Tapplika kontra l-imsemmi Intimat l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) in toto jew in parte;
4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-Partijiet u tillikwida l-beni formanti parti l-istess komunjoni okkorrendo b'opera ta' perit nominandi, u billi jigi nominat nutar pubbliku sabiex jircievi l-att relativ u kuratur biex jirrapprezenta lill-Intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att u billi tinkludi fis-sehem spettanti lill-Esponenti sehem l-intimat mid-dar matrimonjali tal-partijiet.
5. Tawtorizza lill-esponenti li tabita fid-dar matrimonjali "Marcomat", 60, Triq il-Kuccard, Kappara, San Gwann ad eskluzjoni tal-Intimat u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-proceduri inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni u Mandat ta' Inibizzjoni numru 6/2012, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn l-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u eskussivament imputabbli lill-attrici. Di fatti l-eccipjenti qed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti tal-kontro-talba biex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dan fost l-ohrajn ghaliex:
2. Ma hux minnu li l-eccipjenti jahti ghat-tifrik taz-zwieg, ghall-kuntrarju kienet l-attrici li b'diversi sevizzi, ingurji gravi, minacci, eccessi, farrket iz-zwieg u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi l-eccipjenti ghalhekk jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet pero' dan minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-attrici;
4. Illi in kwantu ghall-manteniment dovut ghall-attrici nnifisha, il-konvenut m'ghandux jigi ikkundannat ihallsu u dan stante li kienet l-attrici stess li kienet il-kagun tat-tkissir taz-zwieg bejn l-imsemmija kontendenti, inoltre l-attrici tahdem u kif ukoll l-esponenti ma jiflahx ihallas ebda manteniment stante li hu pensjonant;
5. Illi in kwantu ghall-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet din il-Qorti ghandha ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici hi unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonat u porzjon lill-attrici ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkopora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi biex

jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Illi ma jezistux l-estremi legali ghalfejn l-esponent ghandu jitkecca ‘il barra mid-dar matrimonjali, “Marcomat”, 60, Triq il-Kuccard, Kappara, San Gwann;
7. Illi s-sanzjonijiet legali kontemplati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom ghall-kuntrarju jigu applikati fil-konfront ta’ l-attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikorrenti li minn issa qeghda tigi ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-8 ta’ April 1973;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal illum maggorrenni;
3. Illi l-attrici rikonvenuta irrendiet il-hajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti impossibbli, permezz sevizzi, mohrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront ta’ l-istess konvenut rikonvenzjonant, u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b’tort uniku ta’ l-istess attrici rikonvenuta;
4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta’ digriet moghti nhar l-4 ta’ Ottubru 2012 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);
5. Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu mir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici rikonvenuta biex jipprezenta l-kontro-talba tieghu;
6. Illi l-konvenut rikonvenzjonant jaf b’dawn il-fatti personalment;

Talab in vista tal-premess, li l-attrici rikonvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni, ordni u provvedimenti opportun :

1. TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet

unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u TAWTORIZZA lill-konvenut rikonvenzjonant jghix separatament minn ma' l-attrici;

2. TIDDIKJARA li l-attrici rikonvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew li tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut rikonvenzjonant ir-ragel taghha, mentri hu jibqaghlu d-dritt li jesigi minghandha il-hlas ta' manteniment ghalih stante li l-attrici rikonvenuta tahdem regolarment;
3. TORDNA u TIKKUNDANNA lill-attrici rikonvenuta tivversa manteniment ghall-konvenut rikonvenzjonant ghalih skont il-bzonnijiet tieghu liema manteniment ghandu jigi likwidat u iffissat minn din il-Qorti u TORDNA li dawn l-alimenti ghandhom jigi mnaqqsa direttament mis-salarju jew qligh tal-attrici, mill-impjieg jew xoghol li hi jista' jkollha jew bi standing order u TIPPROVDI li dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;
4. TAPPLIKA kontra l-attrici rikonvenzjonata interament jew in parti d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. IXXOLJI u TILLIKWIDA l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici rikonvenuta hi unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonat u porzjon lill-attrici ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
6. TIKKUNDANNA lill-attrici rikonvenuta biex tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-beni kollha parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, TIKKUNDANNA lill-istess attrici thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

7. TIKKUNDANNA lill-attrici rikonvenuta thallas lill-konvenut rikonvenzjonant somma li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti xoghol u benefikati li l-konvenut rikonvenzjonant hallas u ghamel fid-dar matrimonjali ”Marcomat”, 60, Triq il-Kuccard, Kappara, San Gwann;
8. TAWTORIZZA lill-konvenut rikonvenzjonant jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din il-Qorti;
9. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun;

Bl-ispejjez inkluzi dawn tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-attrici rikonvenzjonata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonat;

1. Illi preliminarjament in-nullità tal-Kontro-Talba tal-Konvenut rikonvenzzjonat stante illi fid-Digriet numru 1726/12 tal-4 ta’ Ottubru 2012, huwa ma kienx gie awtorizzat biex jipprocedi la b’kawza u wisq anqas b’kontro-talba u ghal kuntrarju ta’ dak li jallega fir-raba’ paragrafu tal-Kontro-Talba tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, m’huwiex minnu li l-attrici rikonvenuta irrendiet il-hajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti impossibbli kif allega l-konvenut rikonvenut fit-tielet paragrafu tal-Kontro-Talba tieghu u jekk kien hemm ir-ragunijiet hemm deskritti fl-istess paragrafu dawn kienu kollha htija tal-istess konvenut rikonvenzzjonat.

3. Illi l-eccipjenti rikonvenzzjonata taqbel li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara u tippronunzzja s-separazzjoni personali bejn il-kontentendi u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut rikonvenzzjonat kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

4. Illi m’huwiex minnu li l-attrici rikonvenuta iddekadiet mid-dritt taghha li titlob jew li tippercepixxi manteniment imghand il-konvenut – anzi, kien hu stess li ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew li jipprecepixxi manteniment minghand l-attrici rikonvenuta kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex tikkundanna lill-atrici rikonvenzzjonata thallas manteniment lil zewgha stante illi hu kien responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg taghhom u ser jigi ppruvata li minhabba li l-attrici rikonvenuta li tahdem biss fuq bazi part-time ghal madwar tmien xhur fis-sena, hi ta’ karattru fragli hafna, zewgha dejjem kellu kontroll assolut tal-finanzi u l-assi kollha taghhom tant li hija kienet tiddependi fuqu anke ghall-izjed oggetti essenzjali taghha.

6. Illi dina l-Onrabbli Qorti m’ghandhiex tapplika kontra l-attrici rikonvenzzjonata d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, la interament u lanqas in parti; izda, ghall-kuntrarju ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut zewgha.

7. Illi inkwantu ghall-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet din l-Onorabbli Qorti ghandha xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-ko0ntendenti u taqsamha f’zewg porzzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenut zewgha rikonvenzzjonat hu unikament hati ghas-separazzjoni personali u tassenja porzzjon lill-attrici rikonvenzzjonata u porzzjon lill-konvenut rikonvenzzjonat zewgha *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina nutar pubbliku biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

*8.* Illi m’huwiex minnu li hija hadet xi beni parafernali u ghalhekk, dina l-Onorabbli Qorti m’ghandha xejn x’tillikwida favur il-konvenut rikonvenzjonat.

9. Illi m'huwiex minnu li l-konvenut rikonvenzzjonat ghandu xi kreditu favur tieghu dwar spejjez rigwardanti xoghol u benefikati koncernanti d-dar konjugali.

10. Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' din il-kontro-talba kontra l-konvenut rikonvenzzjonat li minn issa qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, b'dan li min-naha tieghu l-konvenut jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom izda ghal ragunijet li huma imputabbli lill-istess attrici. L-istess konvenut jipprezenta wkoll il-kontro-talba tieghu fejn fost talbiet ohrajn jitlob anke manteniment ghalih innifsu.

**Verzjoni attrici**

L-attrici tixhed permez ta' affidavit[1] u tghid li l-partijiet izzewgu fis-sena 1973, u ghamlu hames snin gharajjes qabel iz-zwieg. Tghid li l-konvenut dejjem ghamel ta' rasu u dejjem ried li tghaddi tieghu u hi dejjem hassitha sottomessa lejh peress li kienet thobbu, u fil-fatt kull meta kienu jiggieldu, dejjem kienet

[1] Ezebit a fol 98 tal-process

tigri warajh u taqa' ghalih. Hi tghid li l-konvenut kien il-hin kollu jghajjat maghha u dan peress li wara kellha l-ewwel tarbija, hija kienet mardet, tant li kellha tiehu hsiebha ommha. Hija regghet mardet wara li z-zewg ulied tal-partijiet l-ohra kellhom sentejn u nofs, u minkejja li l-konvenut kien jiehu lill-attrici ghand it-tabib, ma kienx jghin fid-dar. Tghid ukoll li beda jghajjarha wara l-operazzjoni li kienet ghamlet. L-attrici ssemmi li l-konvenut ma kienx ikun iridha tohrog mieghu u ftit kien ikollha hin tikkonsulta mieghu dwar il-problemi taghhom u peress li t-tfal kienu jibzghu minnu, kienet toqghod kwieta biex il-konvenut ma jsawwathomx. Huwa kien jghaddilha €279 fix-xahar ghall-hajja. Tghid li dak li kienet taqla' *part-time* biex tghin lill-familja kien jehodhom kollha l-konvenut. Meta t-tfal kibru, beda jkeccihom mid-dar u jkecci lilha wkoll, hassrilha l-hbieb li kellha u hadilha l-karozza. Tghid li t-tfal ma jistghux imorru jarawha d-dar imma jkollha tmur hi ghandhom. L-attrici tikkonkludi billi tghid li l-konvenut kien jigbed il-flus mill-bank u tghid li kienu ippruvaw jiehdu xi ghajnuna minghand psikjatra biex jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom.

L-attrici terga' tixhed permezz ta' affidavit ulterjuri[2] u tghid li l-konvenut dejjem kien jikkonsulta m'ohtu u mhux maghha u li jhobb iktar lit-tfal t'ohtu milli lil uliedu. Tghid ukoll li r-ragel taghha kien jigi lura d-dar xurban, u dan meta kien Spettur tal-Pulizija. L-attrici tghid li l-marda li qabbdita ta' l-*ulcerative colitis* giet tort ta' l-istress li kellha minhabba li kienet tibza' minn zewgha u ghalhekk ghandha *colostomy bag* li trid tibqa' bih ghomorha kollu. Hija tghid li kienet tibza' tirrapporta lil zewgha ghaliex kien jiehu ghalih u jghid li qed tavvelih mal-Korp tal-Pulizija, u darba f'okkazjoni rari meta l-konvenut kien sawwat lit-tfal, marret biex tipprova taghmel rapport u l-pulizija ma hadux ir-rapport taghha. L-attrici tghid li kemm ilhom li bdew is-separazzjoni, l-konvenut m'ghadux ikellimha u ma hallielha l-

[2] A fol 354 tal-process

ebda access ghal-flus, ikel u affarijiet ohra u lanqas tista' tiehu ikel mill-kcina, tant li kellha tmur tghix fil-*washroom*.

**<u>Verzjoni konvenut</u>**

Il-konvenut jixhed[3] u jghid li d-dar matrimonjali u l-ghamara nxtraw waqt iz-zwieg. Huwa jghid li ghandu karozza Opel Astra IBF 407 u llum tiswa' €3600. Jghid li meta l-partijiet kienu jgibu lill-istudenti, c-cekkijiet kienu jigu f'isem l-attrici u kienet issarrafhom biex jghixu bihom. Huwa jghid li kien jitlob il-flus lill-attrici ghaliex dak iz-zmien kienu ghadhom qed jibnu d-dar. Huwa jghid li uliedu Matthew u Mark ma jmorrux jarawh ghax gie mhedded minnhom u kellu jgib lill-pulizija. It-tifel l-iehor Omar mar ghandu u ghannqu izda ma regax mar.

Il-konvenut jixhed permezz t'affidavit[4] li permezz tieghu jirribatti hafna mill-allegazzjonijiet li ghamlet l-attrici u x-xhieda li tellghet hi.

Huwa jibda billi jghid li mhux minnu li huwa kien issawwat lil ibnu Mark, jammetti li kien strett izda mhux li kien vjolenti. Jghid li ma kienx jghajjar lit-tfal imma jimbutthom biex jistudjaw izjed. Il-konvenut jichad li kien ikun vjolenti fil-konfront ta' martu, kien strett imma u fiz-zmien meta kienu qeghdin jarmaw id-dar, huma kienu jkunu anzjuzi u kien ikollhom xi divergenzi u fil-fatt id-dejn inqata' malajr. Dwar in-negozju li fetah ibnu, hu jghid li dan ghamlu fil-garaxx tal-partijiet u kien qieghed ikun stress zejjed fuq il-partijiet, u sahansitra jghid li t-tifel kien jiehu l-flus lill-ommu meta kien ikollha bzonn oggett. Hu jghid li l-attrici kienet ixxewxu kontra t-tifel taghhom u kien jidher ikrah hu, u

---

[3] Ara xhieda datata 19 ta' Mejju 2014 a fol 350 tal-process

[4] A fol 372 tal-process

dan peress li ma kienx jordna l-merkanzija fil-hin u kien ikollha taffaccja l-klijenti l-attrici.

Dwar ix-xiehda ta' ibnu Matthew B, huwa jghid li l-flus dejjem nefaqhom ghall-ahjar tal-familja, huwa m'ghandux vizzji u mohhu biss biex jirranga d-dar. Jichad li qatt kiel l-ikel tat-tfal tieghu. Il-hbieb ta' l-attrici kienu jghiru ghad-dar li ghandhom ghaliex huwa ghammara b'kull kumdita' li tezisti. Dwar l-incident ta' meta xabbat l-uliedu mill-gallarija, huwa jghid li dan kien biex iwissihom ta' x'seta jigri li kieku baqghu jixxabtu.

Huwa jghid li qatt ma kecca lit-tfal mid-dar izda xehed illi l-gharusa tat-tifel Matthew li llum hija il-mara tieghu kienet bdiet topponi f'kollox u kienet tkun arroganti meta tkellmu.

Rigward it-tfal xehed li l-attrici kienet taghmel rassenja dwar x'kienu jaghmlu matul il-gurnata u wara x-xoghol kienet tghidlu b'kollox u kien il-konvenut li kellu jagixxi biex jikkoregi lil uliedu, u jghid li jinsab kuntent kif rabba lit-tfal tieghu ghaliex huma qed irabbu l-uliedhom ahjar minn kif rabbihom hu.

Huwa jghid li t-tifel Matthew ma semmiex li meta kellu ghoxrin sena dahal ghal negozju li ma kienx jiflah ghalih flimkien ma' l-attrici, li l-attrici ma kenitx qalet lill-konvenut bih, u fil-fatt falla, u spiccaw biex gew halli jaqtghulu d-dawl tad-dar. L-attrici kienet involuta f' dan in-negozju u ghalhekk bdew ifittxu lilhom ghad-dejn, u ghalhekk hu beda jitlef il-fiducja fl-attrici. Apparti minn hekk huwa jghid li qatt ma kellu access ghall-flus li kienet taqla l-attrici u qatt ma ndahlilha. Jghid li ibnu Matthew huwa ribelluz u difficli tikkontrollah, izda dejjem kellu l-appogg ta' ommu u meta kibru t-tfal huwa beda jigi mwarrab mill-attrici.

Dwar ix-xiehda ta' Rosemarie Bonnici, l-konvenut jghid li din kienet gara taghhom u kienet tidhol u tohrog fid-dar taghhom kemm trid hi, tant li l-attrici kienet thallilha l-bieb tad-dar

sokkjuz, u kellu jkun dejjem liebes dicenti ghax kien isibha spiss ma' wiccu. Il-konvenut jghid li hu waqaf ikellem lill-Rosemarie Bonnici ghax il-partijiet kellhom suspett li kienet qed tara rgiel ohra u ma riedux ikollhom x'jaqsmu ma nies hekk, izda l-istess xhud ghandha influwenza qawwija fuq l-attrici, tant li llum tqatta sieghat shah maghha u regghet bdiet il-hbiberija taghha maghha. Jghid li mhux minnu li talab li martu tohrog mill-isptar, anzi kien imur jarha darba jew darbtejn kuljum u kull hin li kien jippermettilu s-servizz, u beda jibza li ser jormol zghir, u jhossu mwegga' li din ix-xhud dahlet bejnu u bejn martu ghaliex meta kienu izghar, l-attrici kienet tfittex il-kumpanija tieghu, izda llum wara li kibru t-tfal, qaltlu li m'ghandiex bzonnu izjed u dan wara tnejn u erbghin sena zwieg.

Dwar ix-xiehda ta' Monica Bartolo, hu jghid li din oht il-mara tieghu u izghar minnu ghaliex hi kienet tmur l-iskola u l-attrici kienet imgeghla titlaq mill-iskola ta' hdax-il sena, u ghalhekk kienet toqghod id-dar isservi lill-familja inkluz lil din ix-xhud. Jghid li x-xhud ghadha tiddomina lill-attrici ghaliex tahdem bhala maid fl-istess skola fejn tahdem l-attrici. Kien hemm zmien fejn kienet tkun l-istess xhud li tirrappurtaha lid-direttur u ghamlet zmien miksura minn maghha. Madanakollu l-attrici regghet bdiet tkellimha minn meta bdiet twarrab lill-konvenut u tfittex lill-hbieb li llum il-gurnata tohrog ta' spiss maghhom.

Dwar ix-xiehda ta' Mariella Mizzi, hu jghid li din il-mara dahlet f'hajjet il-partijiet f'qasir zmien u meta dahlet, id-differenzi ta' bejn il-partijiet zdiedu. Hu jghid li t-tieni safra tal-partijiet kienet cruise, din kienet xi haga li ftehmu l-partijiet bejniethom u indahlet din ix-xhud u harbtitilhom kollox. Din kienet safra li kienu se jaghmluha ghaliex kienu irrikonciljaw bejniethom, izda gara li din ix-xhud gabet maghha tlett koppji ohra u minn btala fejn suppost il-partijiet kellhom ikunu wahedhom, gew regiment ta' nies. L-attrici spiccat ibbukkjat l-excursions kollha maghhom u lill-konvenut hallietu tlettax –il gurnata wahdu, kienet tiekol

maghhom, tohrog maghhom u lilu hallietu wahdu. Hu jghid li martu “bdiet tingarr mal-kurrent tal-hbieb” u bdiet tinjora lilu. Il-konvenut beda jghid li l-indhil tal-hbieb kien qieghed idejqu u fil-fatt peress illi huwa ma baqax jiffrekwenta lil dawn il-hbieb, martu bdiet tirrikorri ghal dawn l-azzjonijiet.

Dwar Antoinette Sultana, l-konvenut jghid li din hija mara separata u meta kien ikun hemm xi tilwima bejn il-partijiet, kienet iccempel id-dar u toqghod titkellem mieghu waqt il-hin tax-xoghol ta’ l-attrici u l-konvenut kien jiddejjaq, tant li anke l-attrici qaltilha biex ma ccempilx izjed, u fil-fatt meta l-konvenut beda jinjoraha ma baqghetx iccempel.

Dwar Doreen Camilleri ta’ l-Appogg, u dwar l-ittra li giet ipprezentata mill-attrici, l-konvenut jghid li qatt ma baghtu ghalih l-Agenzija Appogg biex ikellmuh.

Il-konvenut jghid li kienet martu li qabdet u telghet tghix fil-kamra tal-bejt, huwa baqa’ jorqod fis-sodda matrimonjali, izda d-dar hija disponibbli ghaliha u l-ebda parti mid-dar ma hi inbarrata jew maghluqha u tista’ tuzaha liberament. Jghid li hadem u stinka hafna biex jaghmel dar sabiha u fil-fatt din id-dar hija l-ghaxqa tieghu u sajf u xitwa kien jaghmel xoghol manwali biex jiffranka l-flus.

Dwar ix-xiehda li tat martu, l-konvenut jghid is-segwenti:

Li l-attrici iffissat li ohtu, li hija tnax-il sena ikbar minnu, kienet fattur meta gie biex jibni d-dar, hija kienet sellfitu xi flus baxx baxx, u dan is-self ghen hafna lill-partijiet biex jaghmlu d-dar tal-holm taghhom. Izda minkejja dan, l-attrici xorta tghid kontra oht il-konvenut, u l-konvenut jghid li peress li ohtu swiet ta’ ghajnuna kbira, baqa’ jirrispettaha. Ohtu kienet anke tiehu lil uliedhom biex l-attrici jkollha ftit mistrih. Meta beda l-inkwiet bejn il-partijiet, kienet l-attrici li dahhlet it-tfal fin-nofs u dan kien

ta' detriment ghar-relazzjoni li hu kellu ma' uliedu u kellu jgib il-pulizija u jiehu passi kontrihom peress li heddewh li ser joqtluh. Fil-Qorti hu hafer lil uliedu izda jghid li l-mibgheda ghalih ghadha ghaddeja u jikkonferma li ma jridx lill-uliedu Matthew u Mark jidhlu d-dar ghaliex huma ostili hafna lejh.

Huwa jichad li kien ikun xurban izda kien ikollu socjalizzazzjoni meta kien fil-Korp tal-Pulizija. Jghid ukoll li huwa m'ghandux fakultajiet li jmarrad in-nies u mhux tort tieghu li l-mara mardet bil-Colitis.

Huwa xehed wkoll kif kien involut fit-trobbija ta' uliedu li kien joqghod attent dwar x'qed jaghmlu uliedu meta kienu johorgu fi stabbilimenti tad-divertiment. Huwa kien joqghod attent ukoll meta it-tfal kienu jkunu wahedhom ma nies adulti.

Huwa jghid li ma jkellimx lil martu ghax hi tkun lesta li tipprovokah u hu joqghod attent u rigward hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl, telephone,internet u servizzi ohra, dawn jaghmilhom kollha hu u l-attrici ma tohrogx flus. Jghid izda li l-paga taghha huwa qatt ma messha, specjalment minn mindu l-partijiet qatghu d-dejn taghhom. Hu jghid li l-attrici kemm il-darba kienet tiftah kawzi ta' s-separazzjoni u wara taghlaqhom u kienu jkunu kuntenti, izda kienu jergghu jibdew jindahlu l-hbieb bejniethom.

Hu jzid li t-tfal kienu qed jindahlu bejniethom, specjalment ghaliex binhom Matthew ma riedx li l-partijiet isiefru u jixtru karozza wara li hu kien irtira biex ma jahlux flus. Fis-sena 2011, marru safra l-Italja wahedhom u hadu hafna pjacir u wara ftit zmien regghu bdew il-problemi. Il-konvenut jtenni li qatt ma ried jissepara u l-attrici fethet il-proceduri hafna darbi ghaliex hi ukoll ma riditx tinfired minn mieghu.

**<u>Il-provi migubra</u>**

Illi xehed iben il-partijiet, Mark B[5] u jghid li missieru qatt ma kien prezenti f'hajtu u jirrakkonta xi episodji bhal meta jekk ma kienx ikollu aptit johrog hu ma kien johrog hadd mid-dar. Fost l-ohrajn jghid li l-konvenut kien issawtu bl-uzu tac-cintorin u kien jobzoq f'wiccu u kien jghajru meta ma kienx imur tajjeb fl-iskola. Il-konvenut dejjem kien jghajru li haddiehor ahjar minnu. Jghid li kemm il-darba kellu jidhol bejn il-partijiet ghaliex kien ikun hemm il-vjolenza fizika fuq l-attrici. Jghid ukoll li beda negozju zghir ma' ommu, izda l-konvenut baqa' sakemm gaghlu jieqaf. Jghid ukoll li l-konvenut kien taht kura psikjatrika u li ta' 23 sena huwa safa mkecci mid-dar mill-konvenut.

Jixhed ukoll iben il-partijiet Matthew B[6] li jghid li missieru dejjem kien aggressiv u kattiv maghhom. Huwa jghid li l-konvenut dejjem jghajjar lill-attrici, tant li l-attrici kienet tipprova taghmel minn kollox biex tikkuntentah. Huwa jghid li missieru kien jiekol l-ikel taghhom u flixkun xorb kien ikollu jaqsmu bejn kulhadd. Jghid li missieru qatt ma xtralu rigal u kien jaghmel ghall-attrici jekk kienet tixtrilhom xi helu, u kien jara kif se jaghmel biex jiehu l-flus lilu u lil hutu meta bdew jahdmu. Huwa jghid li missieru kien isawtu u jikkontrollah f'kollox, tant li darba dendel lilu u lil huh minn rasu l-isfel il-barra mit-tieqa, sahansitra gieghel lilu u lil hutu joqghodu fuq siggu lejl shih ghax kienu jaghmlu fis-sodda. Hu jghid li missieru kien jobzoqlu f'wiccu u jghollih minn widnejh u meta kien student, kienet tkellmu wkoll il-*head* ta' l-iskola minhabba t-tbengil li kien ikollu. Jghid li darba telaq mid-dar ghax ma kienx jaccetta l-imgieba ta' misseru u sabitu surgent li haditu d-dar taghha. Huwa wkoll jghid li ta' sbatax-il sena tkecca mid-dar minn missieru u dan peress li missieru kien jghajjar lill-mara tieghu ghal xejn b'xejn.

---

[5] Ezebit a fol 136 tal-process

[6] Ara fol 137 tal-process

Illi tixhed Rosemarie Bonnici permezz t'affidavit[7] u tghid li hija habiba ta' l-attrici. Hija tghid li ilha habiba ta' l-attrici ghal zmien twil minn tfulithom u sahansitra toqghodu hdejn il-partijiet fil-Kappara. Hi tghid li l-konvenut ma kellux relazzjoni tajba maghhom ghaliex ma kienx ikun irid min jikkuntradieh, apparti wkoll li ma kienx jemmen fl-ugwaljanza bejn l-irgiel u n-nisa. Tghid li l-konvenut kien isawwat lil uliedu, specjalment lil Mark u l-Matthew. L-attrici kienet titratta lill-konvenut ta' re u kienet issajjarlu dejjem differenti u dejjem kienet thalli nadif fid-dar. Tghid ukoll li meta l-attrici ghamlet operazzjoni minhabba l-istress, il-konvenut harigha mill-isptar ghaliex iffissa li l-attrici kien joghgobha l-professur, u minn fuq geghla tkompli tahdem. Hija tghid li l-konvenut kien jiehu l-flus lill-attrici. Hi tghid li l-problemi bdew meta t-tifel Matthew beda johrog ma' tfajla li kienet intelligenti hafna u kienet tghidha kif thossha u ma kienitx taqbel mal-konvenut. Hi tghid li tiftakar meta l-attrici u binha Matthew tkeccew mid-dar mill-konvenut, u kellhom jorqdu l-lejl barra, u Matthew spicca biex mar jghix ghand l-gharusa sakemm izzewweg.

Tixhed Monica Bartolo permezz t'affidavit[8] u tghid li hi oht l-attrici u tiftakar li meta l-partijiet kienu gharajjes, kellhom glieda izda l-konvenut ma zammx ma' l-attrici. Tiftakar lill-konvenut possessiv fuq l-attrici u li jghid hu dejjem tajjeb. Meta kienet tmur izzur lil ohtha l-attrici il-konvenut ma kienx jiehu pjacir li uliedu qed jiehdu pjacir bihom u kien igeghlhom jitilghu fuq fil-kamra tas-sodda u l-penitenzi li kien jaghti lit-tfal kienu li ma jixghelux il-fann jew it-televixin. Ix-xhud kienet marret tghix mal-partijiet meta l-attrici kellha bzonn operazzjoni u tiftakar li l-konvenut ma riedx li hi taghmilha. Tghid li meta l-attrici kienet tmur taghmel rapport kontra l-konvenut, ma kenitx tittiehed bis-serjeta' u dan peress li l-konvenut kien ufficcjali gholi fil-korp tal-

---

[7] Ara fol 138 tal-process

[8] Ara fol 139 tal-process

pulizija. Hi issemmi ukoll li l-konvenut kien jixrob. Hija tghid li l-attrici llum giet kostretta tghix fil-*washroom*.

Illi tixhed ukoll Mariella Mizzi permezz t'affidavit[9] u tghid illi hija habiba tal-attrici u li kienu siefru flimkien. L-ewwel darba li siefru, r-ragel tax-xhud qalilha biex ma thallihx wahdu mal-konvenut ghax kien hadlu rasu. Darb' ohra kienu se jsiefru *cruise* flimkien u l-konvenut insista li ma jhallasx *excursions* minn qabel. Ghalhekk l-attrici spiccat tqatta' hafna hin maghhom u l-boghod mill-konvenut u l-konvenut ftit li xejn thallat maghhom u minn hemm ix-xhud indunat li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda hazina. Huma u gejjin lura, l-attrici fethet qalba max-xhud u bdiet tghidilha bil-problemi li kellha.

Illi xehed it-tabib John B[10]. Huwa jghid li l-konvenut hu pazjent tieghu u qieghed jigi trattat ghall-marda tal-psikozi. Din hija marda mentali u qieghed jiehu *antidepressants* u xi *sleepings pills*.

Xehed ukoll Stephen Cachia mill-ADT[11] li juri li l-konvenut ghandu vettura wahda, Opel Astra IBF 402[12].

Xehed Ivan Cilia mis-Sigurta' Socjali[13] li iddikjara li l-konvenut ghandu pensjoni tal-irtirar u li beneficcji ohra ma jircevix[14].

Illi xehed Simon Agius mill-Korp tal-Pulizija[15] li qal li l-konvenut dam sat -8 ta' Jannar 1998 iservi fl-istess korp, u l-pensjoni jirceviha mit-tezor.

---

[9] Ara fol 141 tal-process

[10] Ara xhieda datata 3 ta' Dicembru 2013 a fol 154 tal-process

[11] ibid 7

[12] Ara dokumenti  a fol 147 sa 151 tal-process

[13] Ara xhieda datata 3 ta' Dicembru 2013 a fol 155 tal-process

[14] Ara fol 152 li juri kemm ghandu pensjoni fil-gimgha l-konvenut fl-ammont ta' €111.99 fil-gimgha

Xehdet Audrey Ghigo mill-Bank HSBC[16] li qalet li ma sabet l-ebda informazzjoni dwar il-partijiet. L-istess qalet Jeanette Lepre mil-Lombard Bank u David Galea mill-APS Bank.

Jeanette Vella xehdet li l-konvenut[17] m'ghandu l-ebda stocks tal-Gvern registrati f'ishmu.

Romwald Attard mill-Bank of Valletta xehed [18] li sab zewg kontijiet fuq isem ir-ragel Dok BOV1[19] u BOV 2[20] u fuq isem il-mara sab tmien kontijiet Dok BOV3[21], BOV4[22], BOV5[23], BOV6[24], BOV7[25], BOV8[26] u BOV9[27] u BOV10[28] u ipprezenta d-dokumenti relattivi. Huwa qal li l-konvenut ghandu wkoll tlett investimenti maghluqin Dok VFM1[29], VFM2[30], VFM3[31] u l-attrici ghandha tlett investimenti Dok VFM4[32], VFM5[33] u VFM6[34] tnejn li ghadhom attivi (VFM5 u VFM6) u wiehed li nghalaq (VFM4).

---

[15] ibid 10
[16] Ara xhieda datata 1 t'April 2014 a fol 160 tal-process
[17] ibid 13
[18] Ara xhieda datata 1 t'April 2014 a fol 161 tal-process
[19] A fol 301 sa fol 336 tal-process
[20] A fol 255 sa fol 300 tal-process
[21] A fol 221 sa fol 254 tal-process
[22] A fol 217 sa fol 220 tal-process
[23] A fol 210 sa 216 tal-process
[24] A fol 209 tal-process
[25] A fol 206 sa fol 208 tal-process
[26] A fol 194 sa fol 205 tal-process
[27] A fol 173 sa fol 193 tal-process
[28] A fol 170 sa 172 tal-process
[29] A fol 169 tal-process
[30] A fol 168 tal-process
[31] A fol 167 tal-process
[32] A fol 164 tal-process
[33] A fol 165 tal-process li juri li hemm *shares* ta' 10,271 fl-ammont ta' €5553.77 f'isem l-attrici

Joe Galea mit-Tezor[35] jghid li l-konvenut beda jiehu pensjoni fit-8 ta' Jannar 1998 u l-ammont hu ta' €564.43, izda ma jispecifikax kull meta jithallas, il-konvenut wkoll ha somma fit-8 ta' Jannar 1998 fl-ammont ta' €28,221.75.

Illi xehdet ukoll Josephine Gauci[36] u tghid li lil A Mifusd tafha meta marret ghandha xi sentejn jew tlieta ilu, marret ghandha darbtejn. L-attrici qaltilha li l-konvenut jaghmel id-dar mandra u ma jaghtihiex flus. Qalet li gieli refa' jdejh fuqha ghaliex l-attrici ma setghetx toggezzjonalu u lit-tfal ma jhallihomx imorru d-dar, Ix-xhud riedet tibghat ghar-ragel izda l-attrici ma hallithiex.

Tixhed ukoll Antoinette Sultana permezz t'affidavit[37] li tghid li ilha taf lill-attrici ghoxrin sena u li meta kienet tmur ghandha, kienet tinnota li kien ikun hemm xi haga mhux f'lokha bejnha u bejn ir-ragel taghha. Zewgha kien imaqdarha quddiem ix-xhud. Meta kienet iccempel lill-attrici d-dar kien jirrispondi l-konvenut u jghidilha li l-attrici qeghda tiggerra barra. Tghid li l-konvenut qalilha li jekk it-tfal jersqu lejh  joqtolhom. Tghid li l-attrici qatt ma qaltilha li l-konvenut kien jerfa' jdejh fuqha.

Giet prezentata wkoll ittra mill-Agenzija Appogg[38] li tghid li l-attrici ilha klijenta tad-*Domestic Violence Unit* sa mis-sena 2001.

Giet ezebita wkoll stima[39] tad-dar matrimonjali Marcomat, Triq il-Kuccard, Kappara, liema stima hija fil-valur ta' €315,000 sa

---

[34] A fol 166 tal-process li juri li hemm *shares* ta' 7,177 fl-ammont ta' €3533.65

[35] ibid 15

[36] ibid 15

[37] A fol 356 tal-process

[38] A fol 358 tal-process

[39] A fol 359 tal-process

€338,000 u li giet stmata minn John Hayes fi hdan l-agenzija Frank Salt.

Xehed ukoll Saviour Theuma mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li qal li l-attrici se jkollha pensjoni ta' €95.10[40] fil-gimgha u din kellha tibda tithallas fid-29 ta' Dicembru 2015, oltre l-bonus.

Il-partijiet iddikjaraw[41] li l-attrici ghandha Fiat Punto ALC 777 liema vettura tiswa' €400 u r-ragel ghandu Opel Astra IBF 407 liema vettura tiswa €3000. Huma qablu wkoll li kull parti zzomm il-vettura li ghandhom fil-pussess taghhom, b'dan li r-ragel jghaddi d-differenza fil-valur.

**Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg**

Dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[42] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

[40] Ara xhieda datata 25 ta' Mejju 2015 a fol 395 tal-process
[41] Ara xhieda datata 7 ta' Lulju 2015 a fol 398 tal-process
[42] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[43] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[44] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentment hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Ghal dan jahtu z-zewg partijiet, li bil-komportament taghhom it-tnejn wegghu lil xulxin psikologikament u emozzjonalment.

Il-Qorti ghandha f'idejha l-verzjoni attrici u l-verzjoni konvenut, verzjonijiet opposti ghal xulxin, li jikkuntradixxu lil xulxin, izda li qed jaghtu stampa cara ta' kif bdiet sejra lura l-hajja matrimonjali taghhom.

Dwar l-allegazzjoni tal-vjolenza fizika li xehdet dwarha l-attrici kif ukoll ulied il-partijiet Matthew u Mark, il-Qorti tosserva li dawn l-allegazzjonijiet ma gewx issostanzjati sufficjentement. Pjuttost kienu ulied il-partijiet li kienu gew akkuzati quddiem il-Qorti li heddew lil missierhom u mhux viciversa. Il-fatt li l-attrici kienet tattendi l-Appogg ma jfisser xejn, ghaliex l-imsemmija ittra li giet pprezentata lanqas ma giet guramentata u l-Qorti ghalhekk ma nghatatx approfondiment tar-raguni ghalfejn l-

---

[43] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

[44] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)

attrici kienet tattendi l-Agenzija Appogg. Fl-istess waqt, il-Qorti ma temminx lil ulied il-partijiet fis-sens li huma kienu sfaw vittma ta' vjolenza ta' parti ta' missierhom u jintbaghtu l-iskola mbenglin, primarjament ghaliex din l-allegazzjoni ma gietx issostanzjata, u fit-tieni lok ghaliex kienet l-attrici stess li xehdet li kienet tkun okkazjoni rari meta l-konvenut refa' jdejh fuq l-ulied. Il-konvenut ammetta li fit-trobbija ta' l-ulied kien strett hafna.

Illi l-Qorti temmen li l-konvenut ghandu karattru difficli hafna li wassal lill-attrici f'punt li tibda tfittex il-kumpanija tal-hbieb, iktar u iktar meta uliedha bdew jilhqu l-etajiet taghhom, hija bdiet issib rifugju fihom u tenut kont li l-konvenut kien strett ma' uliedu, sabu l-opportunita' biex jallontanaw ruhhom minnu. Madanakollu l-Qorti tinnota wkoll li l-attrici kienet tigi nfluwenzata sew mill-hbieb f'hajjitha tant li l-gara setghet tidhol u tohrog kemm trid fid-dar tal-partijiet u kif ukoll kif tixhed Mariella Mizzi, kienet l-istess attrici li stiednet lilha u lir-ragel taghha biex imorru *cruise* mal-partijiet, meta dan il-cruise kellu jservi bhala btala biex il-partijiet iqattghu ftit hin wahedhom u jirrangaw id-differenzi ta' bejniethom, b'dan li l-attrici flok uzat din il-btala biex tersaq iktar vicin tal-konvenut, hallietu hafna hin wahdu u qattghet il-hin ma' shabha. Il-prezenza ta' hbieb u terzi persuni f'hajjet il-partijiet certament tefghet iktar pressjoni u *stress* li fl-ahhar mill-ahhar irrendiet il-hajja matrimonjali wahda impossibbli. F'dan ir-rigward il-Qorti temmen lill-konvenut meta xehed li kienet l-attrici li qabdet u allontanatu b'tali mod li marret tghix fil-kamra tal-bejt.

Il-fatt li l-konvenut ghandu l-marda tal-psikozi haga li ma ammettihiex u li giet ikkonfermata mit-Tabib B, juri li l-konvenut effettviament ghandu karattru difficli, dan jirrizulta wkoll minn kemm kien izomm strett fit-trobbija ta' uliedhom. Min-naha taghha, l-attrici stess kompliet izzid iktar pressjoni fuq il-hajja matrimonjali billi kienet taghti hafna wisa' lill-barranin u hafna

attenzjoni ghal dak li kienu jghidu l-familjari taghha, inkluz uliedha.

Minkejja dan, il-konvenut irnexxielu b'xogholu u bl-istinkar tieghu li jibni dar fiz-zwieg, li llum tiswa' l-flus, b'dan li dan kollu sewa bhala investiment ghaz-zewg partijiet, u rnexxielu wkoll ifaddal bizzejjed biex il-partijiet ikunu jistghu jsiefru peress li rrizulta li l-partijiet marru fuq xi btajjel meta huwa irtira. L-attrici kienet mara li hadet hsieb il-familja sew ghalkemm xi minn daqqiet kienet taghmel xi affarijiet minn wara dahar il-konvenut bhal meta dahlet fin-negozju bid-dejn ma' binha, imma kienet wkoll strumentali biex flimkien mal-konvenut bnew familja u rabbew sew tlett ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet li, bil-komportament taghhom reciproku, irrendew impossibbli l-konvivenza matrimonjali. Ghaldaqstant iz- zewg partijiet ghandhom jinzammu ugwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Inoltre, il-Qorti thoss li m'hemmx lok ghall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet elenkati fil-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-attrici**

Il-Qorti tinnota li l-konvenut ghandu pensjoni tajba u li l-attrici hija mara ta' certa eta u ghalkemm kellha xoghol *full-time* ,dejjem hadet hsieb lill-familja, u ghalhekk jisthoqqilha li tinghata l-manteniment minghand ir-ragel. Dan in vista' tal-fatt li kif jirrizulta l-attrici llum ghandha pensjoni ta' €95.10 fil-gimgha, u din hija somma wisq zghirha biex l-attrici tmantni lilha nfisha. Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tiffissa retta alimentarja li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici.

Il-Qorti hawnhekk se taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk, *"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom, skont il-mezzi u l-hila taghhom , li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".*

Ghaldaqstant il-Qorti tordna li *rebus sic stantibus* il-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u ghoxrin Ewro (€220) kull erba' gimghat b'effett mid-data ta' din is-sentenza, liema ammont ghandu jinqata' direttament mill-pensjoni tal-konvenut u dan l-ammont ghandu joghola kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja u jibqa' hekk joghla kull sentejn.

B'dan il-mod il-Qorti thoss li l-partijiet ser ikollhom dhul gust u ekwu.

**Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-konvenut**

Il-Qorti diga' qalet f'din is-sentenza li l-konvenut jista' facilment imantni lilu nnifsu u ghalhekk din it-talba ma jisthoqqiliex akkoljiment.

**Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti**

Illi l-propjeta' formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huma s-segwenti:

1. Diversi kontijiet bankarji f'isem il-partijiet wahedhom[45];
2. Investimenti finanzjarji tat-tip *Valletta Fund Management* f'isem il-partijiet wahedhom[46];

---

[45] Ara Dok BOV1 sa Dok BOV10 a fol 170 sa fol 336 tal-process
[46] Dok VFM1 sa Dok VFM6 a fol 164 sa fol 169 tal-process

3. Vettura ta' l-ghamla Opel Astra IBF 407 u vettura ta' l-ghamla Fiat Punto AXL 777;
4. Dar immobbli bl-isem ta' Marcomat, Triq il-Kuccard, Kappara;

*<u>Diversi kontijiet bankarji f'isem il-partijiet wahedhom</u>*

Illi jidher li l-partijiet kellhom diversi kontijiet f'isimhom personali, dawn huma kollha formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici issostni li l-konvenut nefaq diversi somom minn dawn il-kontijiet li kienu f'ishmu. Izda ghalkemm hija taghmel din ir-rimarka u tghid li l-konvenut ma indikax f'jiex nefaq dawn il-flejjes, il-Qorti tosserva wkoll li l-istess attrici lanqas ma ghamlet xi ezami lill-konvenut biex huwa jindika fiex intefqu dawn il-flus. Ghalhekk il-Qorti ser tassumi li l-flejjes kollha li l-partijiet nefqu mill-investimenti finanzjarji taghhom jew mill-kontijiet bankarji taghhom intefqu ghall-komunjoni ta' l-akkwist.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tordna li l-kontijiet bankarji li ghadhom attivi llum f'isem il-partijiet jigu likwidati u l-ammonti ta' flus fihom jigu divizi bejn il-partijiet b'mod ugwali.

*<u>Investimenti finanzjarji tat-tip Valletta Fund Management f'isem il-partijiet wahedhom</u>*

In vista ta' dak li qalet il-Qorti hawn fuq, il-Qorti wkoll tordna biex l-investimenti finanzjarji li ghadhom attivi sal-lum f'isem il-partijiet jigu likwidati u l-ammonti ta' flus fihom ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet b'mod ugwali.

*Vettura ta' l-ghamla Opel Astra IBF 407 u vettura ta' l-ghamla Fiat Punto AXL 777*

Il-Qorti regghet rat il-verbal tal-partijiet datat 7 ta' Lulju 2015 a fol 398 tal-process u tordna li l-konvenut jigi assenjat il-vettura Opel Astra (IBF 407) u l-attrici tigi assenjata l-vettura Fiat Punto (AXL 777). Il-Qorti tordna wkoll li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2600) rapprezentanti d-differenza fil-valur bejn iz-zewg vetturi.

*Dar immobbli bl-isem ta' Marcomat, Triq il-Kuccard, Kappara*

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-unika propjeta' immobbli formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti hija d-dar matrimonjali *Marcomat, Triq il-Kuccard, Kappara* u tikkunsidra l-istima li giet redatta minn Frank Salt Real Estate bhala valutazzjoni reali[47], u dan peress li hemm qbil bejn il-partijiet fuq din l-istima.

Ghalhekk in konkluzjoni, din il-Qorti tordna li l-fond bil-mobbli ta' go fih ghandu jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena, ghall-prezz mhux inferjuri mill-ammont ta' tlett mija tmienja u tletin elf Ewro (€338,000); u, fin-nuqqas, il-post bil-mobbli ta' go fih ghandu jinbiegh taht l-Awtorita' tal-Qorti ghal prezz mhux inferjuri minn tlett mija tmienja u tletin elf Ewro (€338,000) u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**Dwar it-talba ghal-hlas ta' benefikati fid-dar**

Illi ma giet prodotta l-ebda evidenza mill-ebda parti dwar pagamenti jew benefikati li setghu saru fid-dar matrimonjali u ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

---

[47] A fol 359 tal-process

**Dwar it-talba ghar-restituzzjoni tal-beni parafernali tal-partijiet**

Illi ma giet prodotta l-ebda prova li l-partijiet ghandhom xi beni parafernali taghhom u ghalhekk din it-talba qed tigi wkoll michuda.

**Dwar it-talba ta' min ghandu jghix fid-dar matrimonjali**

Il-Qorti tara li ma jezisutx l-estremi legali biex xi hadd mill-partijiet jigi ivvakjat mid-dar matrimonjali u ma ngabet l-ebda prova f'dan ir-rigward. Jidher li llum il-partijiet qeghdin jghixu taht l-istess saqaf u ma jkellmux lil xulxin, izda ma jidhirx li dan l-ahhar kien hemm xi problemi u ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

**Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assenjati lill-konvenut**

Illi ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi beni parafernali u ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrevokabbilment tort taz-zewg partijiet ;
2. tilqa' limitatament t-tieni talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata *Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-*

*attrici*;

3. tichad it-tielet talba;
4. tilqa’ ir-raba’ talba, u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata *Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;*
5. Tichad il-hames talba;

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:

1. tilqa’ l-ewwel talba fis-sens gia fuq deciz u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jghix separatament minn ma’ l-attrici;
2. tichad it-tieni talba fis-sens gja fuq deciz;
3. tichad it-tielet talba fis-sens gja fuq deciz;
4. tichad ir-raba talba fis-sens gja fuq deciz;
5. tilqa’ l-hames talba u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata *Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;*
6. tichad is-sitt talba;
7. tichad is-seba’ talba;
8. tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien u d-disa’ talbiet;

L-ispejjez ta’ l-azzjoni u tal-kontro-talba ghandhom jigu

sopportati bejn il-partijiet b’ mod ugwali.